# QORTI ĊIVILI PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF TONI ABELA LL.D.

**Rikors Numru 925/2017 TA**

**Anna Vassallo ġja Spiteri (ID 449959M)**

**Vs**

**Mario Spiteri (ID 469658M)**

**<u>Il-Qorti:</u>**

Rat it-talba tal-Attriċi kif imressqa mill-avukat tagħha tal-1 ta' Diċembru 2021, liema talba saret seduta stante. F'din it-talba l-Attriċi talbet li jsir eżami tad-DNA b'żewġ sample. Wieħed għal Qorti u ieħor għaliha.

Rat ir-risposta tal-konvenut mogħtija seduta stante. Rat ukoll ir-rikors tal-Attriċi tas-7 ta' Marzu 2022.

Rat ir-risposta tal-konvenut mogħtija seduta stante.

Rat li l-kawża tħalliet biex jingħata digriet dwar dawn it-talbiet in camera. Il-Qorti ikkunsidrat li jkun fl-interess tal-partijiet u għaliex ukoll ikun aktar proċeduralment idoneju li jingħata digriet fil-miftuħ minflok wieħed in camera.

**Konsiderazzjonijiet:**

Il-Qorti tħoss li minħabba iċ-ċirkostanzi tal-każ ikun tajjeb li jsir riassunt tal-iter li ħadet din il-Kawża bil-ħafna talbiet li għamlet l-Attriċi kważi f'kull seduta, biex b'hekk ikun apprezzat minn min irid jeżamina l-atti u di piu', sabiex kull kumment dwar l-imġieba tal-attriċi f'din il-Kawża jkun superfluwu.

*Intier tal-kawża*

**Fis-seduta tal-15 ta' Jannar 2018**, l-Attriċi, wara li l-avukat tagħha informa lill-Qorti li kienu inbdew proċeduri kontra l-Konvenut dwar il-paternita' tat-tifla' Sahra Ebejer, iddikjarat hekk :

*"l-attriċi qed tirriserva illi fl-eventwalita' li l-kawża fuq imsemmija ta' dikjarazzjoni ta' paternita' tiġi deċiża fil-mori ta' din il-kawża hija tkun tista' tipproduċi d-deċiżjoni mogħtija f'dik il-kawża".*

Il-Qorti tinnota, li din kienet l-ewwel darba li tissema' isem din il-minuri għaliex fir-rikors promotur isimha ma jirrikorrix.

**Fis-seduta tad-19 ta' Frar 2018**, xehed Dr. Christopher Farruġia

**Fis-seduta tas-26 ta' Frar 2018** Dr. Anna Mallia esebit ċertifikat tad-DNA ta' Dr. Maria Cassar (a fol 54 u 61). Dr. Maria Cassar għamlet ukoll affidavit. Kontro eżami qatt ma sarilha. (a' fol 63).

**Fis-seduta tad-9 ta' April 2018** l-Attriċi, mingħajr ma qalet jekk hux qed tikkontesta iċ-ċertifikati esebit mill-Attur fis-seduta ta' qabel, talbet li din il-kawża

tistenna l-eżitu ta' Kawża oħra li għamlet hi stess, rik 272/17, fejn fiha, fost oħrajn, kellu jkun dikjarat jekk Sahra Ebejer hiex il-wild bijoloġiku tal-Attur.

**Fis-seduta tal-10 ta' Ottubru 2019**, il-Qorti ġiet infurmata, li l-espert tad-DNA imqabbad fil-kawża l-oħra tal-Attriċi, il-Profs Renald Blundell, ikkonkluda li l-konvenut Mario Spiteri ma hux missier Sarah Ebejer. Ir-rapport ta' dan l-espert ġie esebit (a' fol 86).

**Fis-seduta tad-19 ta' Novembru 2019**, l-Avukat tal-Attriċi informat lill-Qorti, li ir-rapport ta' Dr Blundell kien ser ikun kontestat. Dan kien it-tieni ċertifikat li jinsab esebit f'din il-Kawża li stabilixxa **għal darb'oħra** li l-Attur ma hux il-missier bijoloġiku tal-minuri fuq imsemmija.

**Fis-seduta tat-12 ta' Diċembru 2019**, l-Attriċi għamlet talba oħra.:

*"L-attriċi tirrileva illi fid-dawl tal-kontestazzjoni tal-eżami tad-DNA fil-kawża l-oħra li kellu jiġi preżentat f'din il-kawża li qed jiġi kontestat mill-attriċi stess, hi tixtieq li f'din il-kawża isir test tad-DNA indipendentement mill-mertu tal-kawża l-oħra. Għaldaqstant il-Qorti tistieden lill-attriċi sabiex tagħmel il-proposta tagħha f'din il-kawża in rigward it-test tad-DNA. Dr. Alan Zerafa għall-attriċi qed jitlob illi dan it-test jista' jsir mill-Insititute of Medical Genetics and Human Genetics Charite Berlin. Illi dan l-istitut għandu tabiba hawn Malta u ċioe' Dr. Maria Felice Klaunann, illi tista' tagħmel il-preljev tal-kampjuni fil-preżenza tal-partijiet. Dr. Anna Mallia għall-konvenut tirrileva li l-attriċi għandha tiddikjara li ser toqgħod għal dan it-test tad-DNA stante li l-istess eżerċizzju sar fil-kawża 272/17 AL. Dr. Anna Mallia mhux qed topponi li l-attriċi tkun preżenti basta ma*

*tostakolax it-testijiet. Il-Qorti rat t-talba, rat ir-risposta, tilqa' t-talba b'dana illi l-attriċi għandha tkun preżenti u tassigura li ma tagħmel xejn biex tostakola t-tehid tad-DNA. It-test għandu jsir xorta waħda jekk fid-data li tiġi notifikata lill-partijiet sabiex isir it-test in kwistjoni l-attriċi ma tattendix".*

**Fis-seduta tal-20 ta' Ottubru 2020** l-Attriċi kompliet titlob li d-DNA test jittieħed minn kampjun tad-demm, tas-saliva u basla tax-xahar. Il-konvenut ma opponix.

**Fis-seduta tal-15 ta' Diċembru 2020** il-Qorti infurmat lill-partijiet li l-espert Dr. Maria Klaumann ma riditx tkompli bl-inkarigu. Mid-dokument jirriżulta, li ma kienitx lesta li tieħu samples kif tablet l-Attriċi għaliex ma jagħmel ebda sens mediku (a' fol138). F'dik is-seduta, l-Qorti ħatret il Dr. Basile Cherubino flok Maria Felice Klaumann. Tajjeb li jingħad li fost affarijiet oħra Dr. Klaumann qalet hekk;

*"I feel that the parties concerned are delaying this unnessecarily."*

**Fis-seduta tat-2 ta' Frar 2021** ġie verbaliżżat hekk:

*"Il-Qorti għadha kemm infurmat lill-attriċi bl-informazzjoni li ġiet mibgħuta lill-Qorti permezz ta' email, li ser tiġi inserita fil-proċess biex tiġi a konjizzjoni tal-partijiet, li Dr. Edward Basile Cherubino issuġġerit mill-attriċi stess informa lill-Qorti illi sabiex isir id-DNA hemm żewġ għażliet. Li jsir minn DNA Consultation Malta li pero d-direttur tagħha huwa Christopher Farruġia jew direttament minn kumpanija barranija Alpha Bio Labs UK. Il-Qorti tfakkar illi kull espert li ħatret din il-Qorti f'din il-kawża għall-eżami ta' DNA saru kollha fuq suġġeriment tal-attriċi. Tfakkar ukoll illi difatti f'kawża oħra li kienet qed tistenna din il-Qorti fid-*

*dawl tal-verbal tad-9 ta' April, 2018 kien diġa sar DNA test pero jidher li kien qed jiġi kontestat mill-attriċi".*

F'din is-seduta l-Qorti fakkret, li minħabba proposti li saru mill-Attriċi l-esperti barranin ma riedux ikomplu bl-inkarigu tagħhom. F'dik is-seduta il-Qorti tat żmien lill-Attriċi biex tagħżel waħda miż-żewġ metodi li kien qiegħed jipproponi Dr. Basile Cherubino, espert ieħor dejjem fuq talba tal-Attriċi.

**Fis-seduta tal-4 ta' Marzu 2021**, inkredibilment l-Attriċi, minflok għażlet waħda mill-proposti ta' Dr Basile Cherubino, din id-darba, fid-dawl ta' nota seduta stante ġie verbalizzat is-segwenti. :

*"Il-Qorti rat il-verbal tagħha tat-2 ta' Frar 2021, rat ukoll ir-rikors tal-attriċi tat-23 ta' Frar, 2021 a fol 147 fejn talbet estensjoni biex tippreżenta n-nota imsemmija f'dak il-verbal, rat in-nota preżentata llum stess seduta stante u l-Qorti rriżultalha li miż-żewġ opzjonijiet li kellha x'tagħżel proposti mill-espert mediku Dr. Edward Basile Cherubino li kien suġġerit minnha stess, ebda waħda minn dawk ir-rakkomandazzjonijiet ma ġiet osservatha. L-attriċi issa qiegħda seduta stante tgħid li għandha fil-pusses tagħha prova ta' ċertifikat ta' DNA ieħor li skont hi jindika l-kuntrarju ta' dawk iċ-ċertifikati tad-DNA ottenuta sa issa.*

*Il-Qorti tiddikjara li qed tagħmel dak kollu possibbli sabiex l-attriċi tingħata smiegħ xieraq u għal darba oħra ser tipprovdi dwar il-verbal tat-2 ta' Frar 2021 wara li l-attriċi tippreżenta iċ-ċertifikat tad-DNA li qed tgħid li għandha fil-pussess tagħha sa mhux aktar tard mit-8 ta' Marzu, 2021 b'dana li l-kawża qed*

*tiġi differita għal nhar it-Tlieta, 9 ta' Marzu, 2021 fl-10.15 am fuq il-vertenza li preżentement qed jitrattaw il-partijiet fid-dawl tal-verbal fuq imsemmi".*

**Fis-seduta tad-9 ta' Marzu 2021** Dr.Anna Mallia ivverbalizżat hekk:

Dr. Anna Mallia tiddikjara illi rċeviet id-dokument preżentat fil-5 ta' Marzu, 2021 mill-attriċi u peress li kemm hi kif ukoll il-klijent tagħha qed jarawh għall-ewwel darba tixtieq tirrileva illi l-minuri jisimha Sarah Ebejer u mhux Sarah Briffa kif imsemmija fid-dokument mal-istess nota. Tirrileva illi l-konvenut qatt ma mar għal DNA test għand DNA Consultant jew għand Dr. Christopher Farruġia u ser tippreżenta rikors sabiex il-Qorti tawtorizżaha tħarrek lil Dr. Christopher Farruġia ta DNA Consulta sabiex jixhed dwar id-dokument esebit mill-attriċi permezz ta' din in-nota. Il-Qorti qed tordna lill-konvenut sabiex jagħmel rikors f'dan is-sens biex il-parti l-oħra ikollha żmien utli sabiex twieġeb.

**Fis-seduta tal-21 ta' Gunju 2021**, reġa' xehed Christopher Farruġia dwar id-dokument esebit mill-Attriċi u ċaħad li ħareġ ċerifikati bħal dawk esebiti minnha (ara a' fol 155). Dan iċ-ċertifikat esebit mill-Attriċi huwa dubbjuż ħafna u jirreferi għall Sahra Briffa u mhux Ebejer. **F'dik is-seduta l-Attriċi għalqet definittivament il-provi.**

**Fis-seduta tal-1 ta' Diċembru 2021** il-Qorti ordnat lill-Attriċi toħroġ barra mill-Awla minħabba l-aġir disordnat tagħha li beda jfixkel l-andament tal-Kawża. Aktar tard, meta l-Attriċi reġgħet daħlet fl-Awla, bdiet, tinterrompi tant, li l-Qorti reġgħet sabitha ħatja ta' disprezz u din id-darba mmultata €232. Għall-ennesima volta, l-Attriċi talbet li jsir eżami tad-DNA, billi jsiru żewġ samples,

wieħed ikun intenzjonat għal Qorti u l-ieħor bħala *control sample* għaliha. Il-Qorti irriservat li tipprovdi dwar din it-talba.

**Fis-seduta tal-15 ta' Frar 2022**, l-Attriċi talbet li tixhed viva voce. Apparti li kienet għalqet il-provi tagħha, il-Qorti fakkritha li kienet diġa' xehdet b'affidavit. Il-Kawża kienet tħalliet għal kontro eżami tal-Konvenut.

Bejn id-data fuq imsemmija u dik tal-24 ta' Marzu 2002, għal meta ġiet differita l-Kawża, fis-7 ta' Marzu 2022, l-Attriċi għamlet rikors ieħor fejn għal darba oħra talbet li jinħatar espert tad-DNA.

**<u>Ikkunsidrat:</u>**

**Fis-seduta tal-24 ta' Marzu 2002** l-Konvenut talab li din il-Kawża tmur sine die pendenti l-eżitu tal-Kawża l-oħra tal-Attriċi għad-dikjarazzjoni tal-paternita'.

Il-Qorti ħasset li kellha tagħmel riassunt tat-trajettorja penuża li ħadet din il-Kawża minħabba talbiet kontinwi u erratiċi tal-Attriċi fejn saħansitra skoraġġiet esperti maħtura fuq talba tagħha stess milli jaċċettaw l-inkarigu, bħal ma hi Dr.Maria Felice Klaumann. A propositu, din it-tabiba saħansitra qalet li l-partijiet qed ittawlu l-proċeduri. Il-Qorti hija tal-fehma, li dan id-dewmien huwa kkawżat mill-attriċi stess, għaliex il-konvenut f'bosta drabi qabel mat-talbiet attriċi. F'din il-Kawża diġa' ġew esebiti żewġ ċertifikati tad-DNA, li qatt ma ġew kontestati. Biżżejjed, jingħad li qabel għalqet il-provi tagħha, l-Attriċi ma ħassitx li kellha ttella' lil Dr. Maria Cassar għal kontro eżami.

Kwantu għal dak li qiegħed ikun mitlub fir-rikors tal-24 ta' Marzu 2022, ma hux minnu li din il-Qorti ma ħatret ebda espert għall-eżami tad-DNA. Tirriferi lill-

Attriċi għall-verbal tat-12 ta' Diċembru 2019 fejn fuq suġġeriment tagħha stess, il-Qorti ħatret lill-Institute of Medical Genetics Charite' Berlin. Kif jirriżulta mill-verbali fuq imsemmija, kienet l-istess bit-talbiet esotiċi tagħha, li naffret lil Dr. Maria Felice Klaumann, li taħdem ma' dan l-Istitut u dan kif spjegat aktar 'l fuq.

Meta l-imsemmija tabiba ġiet sostitwita minn espert ieħor, din id-darba b'Dr. Basile Cherubino, dejjem fuq suġġeriment tal-Attriċi, kif jirriżulta mill-verbali fuq imsemmija, flok ikkoperat miegħu, għal darba oħra reġgħet iddemolit il-binarji tat-talbiet tagħha stess. Għalkemm, l-inkarigu tal-Istitut fuq imsemmi ma ġiex revokat formalment, u huwa manifestament ċar, li bit-talbiet sussegwenti tagħha, l-Attriċi abbandunat għal kollox dawn it-talbiet, partikolarment bl-aħħar rikors tagħha, flimkien mat-talba l-oħra li saret fis-seduta tal-1 ta' Diċembru 2021.

Il-Qorti tfakkar ukoll, li fis-seduta tal-10 ta' Ottubru 2019, l-Avukati li kienu jippatroċinaw lill-Attriċi ddikjaraw li ma għandhom ebda oppożizzjoni li jiġi esebit mill-konvenut iċ-ċertifikat ta' Dr. Blundell. Fil-fatt, dan iċ-ċertifikat ġie esebit seduta stante u jekk ma tridx l-Attriċi qablet li huwa kopja fidila tal-oriġinal.

Il-Qorti hija tal-fehma, li din il-kawża ħadet tul ta' żmien inutli, anke jekk għamlet dak kollu li setgħet biex tispedixxi dawn il-proċeduri.

Għalhekk ser tkun qed tiċħad kemm it-talba tal-Attriċi magħmula fis-seduta tal-1 ta' Diċembru 2021, anke fid-dawl tat-talbiet magħmula fl-aħħar rikors tagħha tas-7 ta' Marzu 2022 u kif ukoll t-talbiet f'dan l-aħħar rikors. Ser tkun qed tipprovdi dwar l-andament tal-Kawża fis-seduta tal-lum stess.

Għaldaqstant din il-Qorti għar-raġunijiet fuq imsemmija qiegħda tiċħad kemm it-talba magħmula mill-attriċi fis-seduta tal-1 ta’ Diċembru 2021 u kif ukoll it-talbiet fir-rikors tas-7 ta’ Marzu 2022.

Spejjeż għall-Attriċi.

**Imħallef Toni Abela**

**Illum 3, ta’ Mejju, 2022**